

Brussell, 17 ta' Marzu 2025
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0198(COD)

6785/25
ADD 1

CODEC 211
COH 14
CADREFIN 21

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar strument għall-iżvilupp u t-tkabbir tar-Reġjuni tal-Fruntiera (BRIDGEforEU) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

"Il-Ġermanja hija tal-opinjoni li l-fruntieri marittimi fis-sens tal-Artikolu 2(1) tal-abbozz ta' Regolament ('*Dan ir-Regolament japplika għal ostakli transfruntieri f'reġjuni tal-fruntieri fuq l-art jew marittimi ta' Stati Membri ġirien*') jikkonċernaw biss il-fruntieri marittimi Ġermaniżi mar-Renju tan-Netherlands, ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika tal-Polonja."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-emenda tal-koleġislaturi għall-proposta emendata tagħha li jitneħħa l-obbligu li jiġu stabbiliti reġistri pubbliċi nazzjonali dwar fajls transfruntieri u jinżamm reġistru uniku fil-livell tal-UE għandha implikazzjonijiet baġitarji u tar-riżorsi umani għall-Kummissjoni. Dawn huma deskritti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva ppreżentata lill-koleġislaturi.